## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
### MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 73/2022 LC

**FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 8/22 AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 166A TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FL-ISMIJIET:**

**ANDREA STELLATO**
(K.I. 102865M)

*vs*

**INFRASTRUCUTRE MALTA ET**

**Illum, 25 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-**Kunsill Lokali Pembroke** datat il-25 ta' Marzu 2022 fejn ippremetta u talab is-segwenti:-

> *Illi fid-9 ta' Jannar 2022 l-intimat Andrea Stellato ppreżenta ittra uffiċjali bin-numru 08/22 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra infrastructure Malta u l-Kunsill Lokali Pembroke;*

*Illi l-Kunsill Lokali Pembroke ġie notifikat bl-ittra uffiċjali fl-4 ta' Frar 2022 sabiex iwieġeb għal din l-ittra entro t-terminu ta' tletin jum mid-data tan-notifika;*

*Illi nonostante illi l-Kunsill Lokali Pembroke intavola nota fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 8/22 nhar l-1 ta' Marzu 2022, u allura entro it-tletin jum rikjesti mil-liġi, l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva, u sussegwentement l-intimat mexxa b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 394/2022 fit-18 ta' Marzu 2022 abbażi tal-istess ittra uffiċjali;*

*Illi l-Kunsill Lokali esponenti qiegħed permezz ta' dan ir-rikors, umilment jużufruwixxi ruħu mid-dritt mogħti lilu ai termini tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għas-segwenti raġuni:*

***L-esponent ma kienx notifikat kif imiss.***

*Illi minkejja illi fuq l-ittra uffiċjali fil-proċess tal-Qorti hemm miktub li l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-Kunsill Lokali esponenti fit-28 ta' Jannar 2022, f'dik il-ġurnata l-istess Kunsill Lokali rċieva biss avviż ta' tqassim abjad mis-soċjetà Malta Post datat 27 ta' Jannar tal-istess sena (anness u mmarkat bħala DOK A);*

*Illi kif jidher ċar mit-tracking tal-ittra uffiċjali fornita mis-soċjetà Malta Post (annessa u mmarkata bħala DOK B), il-Kunsill Lokali rċieva l-istess ittra uffiċjali biss fl-4 ta' Frar 2022, u għaldaqstant t-terminu mogħti lilu mill-artikolu 166A biex jirrespingi t-talbiet tal-intimat seta biss jibda jiskatta minn dak il-jum tan-notifika u ċojè l-4 ta' Frar 2022. FIlfatt, Artikolu 890 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12*

*tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi: "Il-protest jew l-ittra uffiċjali jibdew iseħħu minn dak in-nhar tan-notifika.";*

*Illi l-esponenti jirreferi wkoll għall-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar kif isiru n-notifiki:*

> *187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura <u>lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata</u>, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla <u>fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna</u> f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. […]*

*Illi kif jindikaw id-dokumenti annessi ma dan ir-rikors, fit-28 ta' Jannar 2022 l-ittra uffiċjali in kwistjoni la tħalliet mal-Kunsill Lokali esponenti u/jew persuni awtorizzati biex jirċievu l-posta tagħha, u wisq anqas fl-indirizz tiegħu;*

*Illi l-Kunsill Lokali esponenti ippreżenta nota li biha irrespinġa it-talba tal-intimat bħala waħda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u tali nota ġiet ippreżentata fl-1 ta' Marzu 2022, u għaldaqstant ,fit-termini premessi mill-imsemmi artikolu;*

*Illi għalhekk l-ittra uffiċjali 8/2021 qatt ma setgħet tiġi reża eżekuttiva;*

*Illi għar-raġunijiet hawn premessi, l-esponenti umilment jissottometti li t-titolu eżekuttiv de quo ma jissodisfax il-ħtiġijiet stipulati fil-liġi.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta:*

1. *Tappunta dan ir-rikors għas-smiegħ u dan fi żmien ġimgħatejn;*
2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li n-notifika tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi bin-numru 8/22 ma saritx skont il-liġi;*
3. *Tiddikjara u tiddeċiedi l-istess imsemmija ittra uffiċjali bħala nulla u bla effett;*
4. *Tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu eżekuttiv miksub tramite l-istess ittra uffiċjali;*
5. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv bin-numru 394/2022 huwa null u bla ebda effett minħabba r-raġunijiet hawn fuq esposti, u konsegwentement tħassru u tirrevokah u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat ir-risposta ta’ **Andrea Stellato** datata l-25 ta’ April 2022 fejn ippermetta:-

1. *Illi l-esponenti mexa mal-Liġi u adixxa l-proċeduri legali ta’ notifika kif titlob l-istess liġi;*
2. *Illi d-dokumenti eżebiti mar-rikors tal-Kunsill Lokali ta’ Pembroke huma sempliċiment dokumenti informali mill-website tal-posta u bl’ebda mod ma juru għal-liema att tal-Qorti jirreferu, u b’hekk jinħtieġ illi se mai tiġi preżentata dokumentazzjoni ulterjuri, b’mod speċjali l-pink card relattiva, u għandha ssir prova illi tabbina l-pink*

*card mal-ittra uffiċjali de quo, oltre illi għandu jixhed il-Marixxal Carmel Gauci dwar ir-riferti li huwa għamel.*

3. *Ilil jekk kien hemm xi nuqqas da parti tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali huwa għandu jirrispondi għal dan in-nuqqas u mhux l-esponenti illi m'għandu ebda tort;*
4. *Salv eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż.*

Rat ir-risposta tal-**Aġenzija għall-Infrastruttura Malta** datata s-26 ta' April 2022 fejn ippremettiet:

1. *Preliminarjament, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta tissottometti illi hija otemprat ruħha mat-terminu ta' tletin jum min-notifika, sabiex topponi l-ittra uffiċjali taħt il-proċedura tal-artikolu 166A tal-Liġijiet ta' Malta lilha notifikata nhar it-28/01/2022, risposta mdaħħla fir-reġistru tal-Qrati Ċivili ta' Malta nhar is-8/02/2022.*

2. *Bla ħsara għall-premess, l-Aġenzija eċċipjenti mhijiex responsabbli għad-danni reklamati mill-mittenti Andrea Stellato, u f'kull każ jispetta lill-istess jipprova li l-Aġenzija esponenti taħti għal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli għad-danni pretiżi minnu, u dejjem bħal preġudizzju, l-istess għandu iġib l-aħjar prova tad-danni pretiżi minnu.*

3. *Mingħajr preġudizzju ukoll, u f'kull każ, it-talbiet tal-mittenti Andrea Stellato huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fil-liġi.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-partijiet l-oħra.*

Rat id-dokumenti preżentati;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza:

Ikkonsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jibbażaw il-preżenti azzjoni fuq l-Artikolu 166A(5)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li titolu eżekuttiv miksub skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu għandu jiġi rexiss u dikjarat null u bla ebda effett fl-eventwalità li l-Qorti tkun sodisfatta, *inter alia*, li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss.

Illi jirriżulta mhux kontradett illi fid-19 ta' Jannar 2022, l-intimat Andrea Stellato ssottometta Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bin-numru 8/2022 (liema ittra hija soġġetta għal dawn il-proċeduri) kontra Infrastructure Malta u kontra l-Kunsill Lokali Pembroke fejn hemmhekk qed iressaq il-pretensjonijiet tiegħu kontrihom. Jirriżulta *icto oculi* mir-rifierti stampati fuq wara ta' din l-ittra illi kemm Infrastructure Malta kif ukoll il-Kunsill Lokali Pembroke rċevew din l-ittra fit-28 ta' Jannar 2022. Jirriżulta wkoll li Infrastructure Malta ppreżentat ir-riposta tagħha fejn oġġezzjonat għat-talba tal-intimat Stellato fit-08 ta' Frar 2022 filwaqt li l-Kunsil Lokali Pembroke ippreżenta l-oppożizzjoni tiegħu fl-1 ta' Marzu 2022. Sussegwentement, l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva fil-konfront tal-Kunsill Lokali Pembroke biss fis-16 ta' Marzu 2022.

Ikkonsidrat;

Illi l-Kunsill Lokali Pembroke qiegħed jikkwerela d-data effettiva tan-notifika billi jissottometti illi n-notifika saret fl-4 ta' Frar 2022 u mhux fit-28 ta' Jannar 2022 kif jidher mir-riferta. Illi in vista tal-fatt li n-nota oppożitorja tal-Kunsill Lokali ġiet sottomessa fl-1 ta' Marzu 2022, id-data effettiva tan-notifika hija kruċjali għall-validità tat-titolu eżekuttiv miksub fil-konfront tagħhom.

Ikkonsidrat;

Illi r-rappreżentant tal-Kunsill Lokali Pembroke Kevin Borg xehed[1] li fis-27 ta' Jannar 2022 huma kienu rċevew l-"Avviż ta' Tqassim Abjad" filwaqt li l-ittra mertu ta' dawn il-proċeduri rċevewha fl-4 ta' Frar 2022. Mistoqsi in kontro-eżami, madanakollu, huwa jikkonferma l-firma u n-numru tal-karta tal-identità kif misjuba fil-pink card bir-referenza "RC102829787MT". Jagħmel referenza wkoll, għat-tabella "Track your Item" ppreżentata in atti[2] li jindika li l-ittra tqassmet fl-4 ta' Frar 2022.

Illi r-rappreżentanta tas-soċjetà MaltaPost p.l.c. Carmen Scerri Lautier[3] xehdet illi l-"Avviż ta' Tqassim Abjad" ippreżentat bħal dok A ifisser li l-pustier ikun mar jipprova jqassam l-oġġett fid-data u l-ħin hemm indikat, f'dan il-każ fis-27 ta' Jannar 2022 fit-8:30, u ma jkun fetaħ ħadd. Spjegat li wieħed mill-benefiċċji tal-posta reġistrata hi li tkun taf f'kull mument fejn qiegħed l-oġġett peress li f'kull pass l-oġġett jiġi *scanned* fil-branch. Qalet li mit-tabella "Track Your Item" ippreżentata jirriżulta li fit-28 ta' Jannar 2022 ipprovaw iqassmu l-ittra iżda ma kien hemm ħadd. L-għada, l-ittra marret l-uffiċju postali ta' San Ġiljan. F'dan il-każ partikolari jirriżulta li l-addressee ċempel

[1] Ara x-xhieda mogħtija fis-26 ta' April 2022, a fol. 17A tal-atti proċesswali.
[2] A fol. 5 tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda mogħtija git-23 ta' Settembru 2022, a fol.27 tal-atti proċesswali.

għal redelivery u l-posta marret biha bil-courier tal-Gharghur u tqassmet fl-4 ta' Frar 2022.

Xehed ukoll Carmel Gauci[4] fejn qal li hu kien il-marixxal li bagħat l-ittra bil-posta reġistrata. Ikkonferma li hu jimxi mad-data indikata mill-pustier. Meta reġa ddepona[5] qal illi l-pink card tindika li n-notifika saret fit-28 ta' Jannar 2022. Mistoqsi dwar jekk l-ewwel data tidhirx bħala 21 u mhux 28, hu spjega l t-timbru tal-posta huwa 27 ta' Jannar 2022 u b'hekk id-data m'hijiex 21 imma hija 28.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti hu li tivverifika li n-numru postali "RC102829787MT" jikkorrispondi man-notifika tal-ittra uffiċjali odjerna lill-Kunsill Lokali ta' Pembroke. Jirriżulta mill-ittra uffiċjali ppreżentata in atti li numri ta' reġistrazzjoni tan-notifika mogħtija mir-reġistru kieku "525" u "526" rispettivament. Il-pink card de quo għandha n-numru ta' reġistrazzjoni "526" u b'hekk, il-Qorti hi sodisfatta li l-kopja tal-pink card preżentata a fol. 21 hija tassew dik relattiva għall-ittra uffiċjali *de quo.*

Illi l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola, *inter alia,* illi "*In-notifika ssir bil-<u>kunsinna</u> ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata,"* (emfasi tal-Qorti).

Illi sfortunatament, id-data miktuba mill-pustier fuq il-pink card hija illeġibbli u għalkemm *a colpo d'occhio* jidher li id-data indikata hija l-21 ta' Jannar, din id-data hija skorretta peress t-timbru ta meta l-uffiċju postali aċċetta l-ittra jindika d-data tas-27 ta' Jannar 2022. Dan ifisser li d-data tat-tqassim tal-ittra għandha bilfors tkun <u>wara</u> s-27 ta' Jannar 2022 u mhux qabel.

[4] Ara x-xhieda mogħtija fl-24 ta' Mejju 2022, a fol. 32 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022, a fol. 41 tal-atti proċesswali.

Illi min-naħa l-oħra, mill-itinerarju "Track Your Item" ppreżentat in atti u kkonfermat mir-rappreżentanta tal-Maltapost plc, jirriżulta li l-ittra *de quo* effettivament waslet fl-uffiċju postali fis-27 ta' Jannar 2022 (kif inhu anke ikkonfermat mit-timbru postali fuq il-pink card) u li kien hemm tentattiv ta' tqassim fit-28 ta' Jannar 2022 li kien negattiv. Jirriżulta li l-ittra waslet fl-4 ta' Frar 2022 għand il-Courier ta' Gharghur u li din l-istess ittra tqassmet fl-4 ta' Frar 2022.

Illi b'hekk, il-Qorti, rinfaċċjata b'pink card li tindika data illeġibbli min-naħa l-waħda u b'tabella li tindika pass pass l-itinerarju tal-ittra, il-Qorti sejra tiskarta r-riferta magħmulha mill-marixxal stante li hi bbażata fuq id-data indikata fil-pink card u tistrieħ fuq id-data tat-tqassim indikata fit-tabella "Track Your Item" bħala l-4 ta' Frar 2022.

Illi l-Qorti hija mħassba dwar kif ir-riferta mill-marixxal tindika d-data tat-28 ta' Jannar 2022 meta huwa pależement ċar li d-data fuq il-pink card hija illeġibbli. Għalkemm il-Qorti tifhem li dan seta' kien żball riżultat ta' pressjoni ta' xogħol, referta f'dawn il-proċeduri għandha piż ferm akbar minn referta fi proċeduri oħrajn, bħal per eżempju notifika ta' inġunzjoni ta' xhud u b'hekk l-attenzjoni għandha tkun ferma ogħla.

B'hekk, ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta mill-atti illi l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet ikkunsinjata lill-Kunsill Lokali ta' Pembroke fl-4 ta' Frar 2022 u n-notifika għandha titqies li saret dakinhar.

Ikkonsidra;

Illi l-Artikolu 166A(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi:-

> *"(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba,* ***fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur****, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi,* ***l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta****, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun* ***tikkostitwixxi titolu eżekuttiv*** *bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a)." (emfasi tal-Qorti")*

Illi mill-atti jirriżulta illi l-Kunsill Lokali Pembroke effettivament daħħal in-nota ta' oppożizzjoni tiegħu fl-1 ta' Marzu 2022[6] u b'hekk entro t-terminu ta' 30 jum mid-data tan-notifika effettiva tal-Kunsill Lokali.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddisponi minn dan ir-rikors billi:-

1. Tastejni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi n-notifika tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, bin-numru 8/22 ma saritx skont il-liġi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi  l-ittra uffiċjali de quo hija nulla u mingħajr effett;

4. Tilqa' r-raba' talba u tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu eżekuttiv miksub permezz tal-ittra de quo;

5. Tilqa' l-ħames talba u tiddikjara illi l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-nurmu 394/2022 huwa null u bla effett u konsegwentement tħassru u tirrevokaħ *in toto*.

---

[6] Ara fol. 10 tal-atti proċesswali.

In vista’ taċ-ċirkostanzi partikolari, l-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru għandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**